IL-MUNXAR

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 32-2017(30_05_17)**

**30 ta' Mejju 2017**

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq il-Profs. Ġużè Aquilina, Il-Munxar MXR 1012, Għawdex fil-5 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sinjura Carmen Said - Sindku
Is-Sur Robert Mallia - Viċi Sindku
Is-Sur Damien Spiteri - Kunsillier
Is-Sur Paul Curmi - Kunsillier
Is-Sinjorina Sonja Abela - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku, is-Sinjura Carmen Said ippresjediet il-laqgħa.

**32.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

32.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji għaliex kulħadd kien preżenti.

**32.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

32.2.1 Il-Kunsill għadda għall-Minuti tal-laqgħa preċidenti numru 31-2017(27_04_17) li kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. B'hekk, wara dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**32.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

32.3.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħu mal-kappillan u l-Għaqda Żgħażagħ Pawlini Munxarin sabiex tiġi diskussa l-kollaborazzjoni tal-Kunsill fl-attivitajiet li ser isiru fil-festa tal-Munxar. Huma ltaqgħu wkoll mad-diriġenti tal-Munxar Falcons FC rigward il-fjakkolata. Huma ma xtaqux li jagħmlu l-fjakkolata kull nhar ta' Sibt iżda Sibt iva u Sibt le. Il-Kunsill kien ser jikkuntattja lill-Għaqda tal-Armar sabiex jagħmillu l-fjakkolata f'dawk il-ġranet li ma jagħmlux il-Munxar Falcons FC. Ġie miftiehem li għal kull fjakkolata l-Kunsill iħallas €130.00 iżda jridu jpoġġu 300 fjakkola u jsiru dawk ta' fuq il-baħar bid-dgħajsa.

32.3.2 Fix-Xlendi twaħħal il-*frame* tal-'merbħa *sign'* u wara li titwaħħal it-tabella ser jitwaħħlu l-arbli. Twaħħlu l-bqija tal-bankijiet tax-xtajta tax-Xlendi. Fi Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina nbidlu l-fjuri u tħawlu fjuri minflok fejn kien hemm il-*bring-in-site* fid-daħla tal-Munxar.

32.3.3 Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħu mad-Direttur Eco-Gozo rigward it-tindif tal-Wied tax-Xlendi. Fil-laqgħa kien hemm preżenti l-Perit John Saliba. Huma talbu sabiex il-Kunsill jipprovdi s-servizz tal-Perit Saliba biex jissorvelja li x-xogħol isir skont il-permessi mill-Awtorità tal-Ippjanar. Kien hemm qbil dwar dan.

**32.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

32.4.1 Is-Sur Paul Curmi rrefera għall-Minuti tal-laqgħa ta' qabel fejn ġie diskuss il-ħajt bil-ġebel tas-sejjieħ li qed jinbena quddiem għar fil-Wied tax-Xlendi. Staqsa jekk ġiex ivverifikat li l-*area* hija privata. Is-Sindku infurmatu li għandha informazzjoni li l-*area* hija privata.

**32.5 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv**

32.5.1 Il-*Management Report* għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2016 kif ifformulat mill-awditur intbagħat lill-membri tal-Kunsill minn xi jiem qabel. Is-Segretarju Eżekuttiv ipprepara risposta u anke din intbagħtet lill-membri tal-Kunsill. Dawn ġew meħuda bħala moqrija u sar qbil li tintbagħat ir-risposta kif inhi.

**32.6 Korrispondenza**

32.6.1 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 12/2017 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Parteċipazzjoni fil-Politika u Komunikazzjoni mal-*Media'*.

32.6.2 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 13/2017 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Inizjattiva Finanzjarja – *Local Government Community Innovation Fund* (CIF)'.

32.6.3 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 14/2017 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Ittra ta' Riżenja minn ħatra ta' Kunsillier'.

32.6.4 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 15/2017 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'L-Elezzjoni Ġenerali fit-3 ta' Ġunju 2017'.

32.6.5 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand ir-Reġjun Għawdex rigward il-'Pjan Ekonomiku, Soċjali u Kulturali għall-Komunità tar-Reġjun Għawdex'. Peress li l-aħħar laqgħa ma saritx minħabba nuqqas ta' *quorum* qegħdin jintbagħtu l-mistoqsijiet li s-Soċjologu li qiegħda taħdem fuq dan il-pjan kienet ser tagħmel fl-intervista lill-membri b'konnessjoni mal-komunità rispettiva tagħhom sabiex kull Kunsill Lokali jingħata xorta l-opportunità li jikkontribwixxi bl-intervent tiegħu f'dan il-pjan. Il-Kunsill ġie mitlub ukoll sabiex iqassam il-kwestjonarju li sar apposta minħabba dan il-pjan fost iċ-ċittadini tal-lokalità.

32.6.6 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Awtorità tal-Ippjanar *Planning Control Application Form* rigward *road alignments* fi Triq Kolaċi, Il-Munxar.

32.6.7 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand ir-Regional Coordinator – Gozo, Valletta 2018 Foundation rigward 'Oħloq Kultura – Festival version'. Ingħatat aktar informazzjoni dwar l-Oħloq Kultura *sessions* li qegħdin jiġu offruti u li jistgħu jiġu mtella' fl-attivitajiet kulturali li l-Kunsill jorganizza matul is-sena kollha.

32.6.8 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-President, Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward il-ftehim li ġie ffirmat bejn din l-Assoċjazzjoni u l-Ministeru kkonċernat dwar il-fondi li jibqa' mis-sistema tal-Infurzar Lokali. Huwa ta informazzjoni dwar il-formola li ntużat sabiex ingħataw il-flus lill-Kumitati Reġjonali u lill-Kunsilli Lokali, fiex jistgħu u għandhom jintużaw u fiex ma jistgħux jintużaw.

32.6.9 Il-Kunsill irċieva invit mingħand il-Project Manager, LifeMedGreenRoof Project, Civil Structural Engineering Department, Faculty for the Built Environment fl-Università ta' Malta għal-'LifeMedGreenRoof Project End-of-Project Seminar', fl-20 ta' Lulju 2017 fl-Università ta' Malta.

32.6.10 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment tal-Customer Services, Sezzjoni għall-Anzjani u Bżonnijiet Speċjali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex rigward 'Quddiesa għall-Anzjani fl-Okkażjoni ta' Jum l-Omm', fl-14 ta' Mejju 2017, fil-Knisja Parrokkjali tax-Xagħra.

**32.7 Ilmenti**

32.7.1 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Awtorità tal-Ippjanar fejn qed niġu infurmati li l-bilanċ tal-UIF għall-Munxar huwa ta' €30,971.64. Dan l-ammont irid jintefaq fil-Munxar.

32.7.2 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Awtorità tal-Ippjanar fejn qed niġu infurmati li l-bilanċ tal-UIF għax-Xlendi huwa ta' €83,170.83. Dan l-ammont irid jintefaq fix-Xlendi.

32.7.3 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Munxar Falcons FC fejn qed joffru s-servizzi tagħhom sabiex bħas-snin l-imgħoddija jorganizzaw s*ports festival* f'isem il-Kunsill fil-ġimgħa li ssir il-festa tal-lokalità. Dan l-i*sports festival* diġà sar.

32.7.4 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Munxar Falcons FC sabiex jirringrazzja lill-Kunsill li aċċetta li r-*road map* ġiet impoġġija f'post aktar prominenti fil-*Parking* tax-Xlendi. Għalkemm huma qed jieħdu l-introjtu kollu mir-reklami, il-*club* hu kommess li jżomm l-istess *road map* fi stat tajjeb. Huma qed jitolbu lill-Kunsill sabiex jibdel iż-żewġ mapep sabiex ikunu *updated* u moderni u tiddawwal. Il-Kunsill qabel dwar dan.

32.7.5 Il-Kunsill irċieva talba sabiex issir lampa fi Triq Damasku, faċċata ta' Eagle Eye Court. Peress li faċċata ma hemmx bini, din il-lampa trid issir fuq arblu. Kien hemm qbil dwar dan.

32.7.6 Il-Kunsill irċieva talba mingħand resident fi Triq il-Kantra sabiex isiru żewġ *parkings* riservati għall-vetturi ta' persuni b'diżabilità u jsiru fi Triq il-Kantra n-naħa tar-*railing*. Ġie deċiż li l-Kunsill japplika għal waħda.

32.7.7 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali kopja ta' ittra li rċieva mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar permessi biex jitpoġġew imwejjed u siġġijiet quddiem 'Talija' Numru 9/10, Triq ir-Rabat, Ix-Xlendi.

32.7.8 Il-Kunsill irċieva lment mingħand resident fi Triq iż-Żirżieb rigward il-kennies li jiknes it-triq kull nhar ta' Tnejn filgħodu, l-iskemmel ma huwiex jiġbor boroż li jkunu mqatta' u malli persuni joħorġu mill-*flats* il-Ħadd filgħaxija qed joħorġu ż-żibel fit-triq. Ilmenta wkoll li f'din it-triq hemm ħafna qtates.

32.7.9 Iċ-*Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi bagħat diversi ritratti dwar skart u trabijiet li hemm fil-*Parking* tax-Xlendi. Dan l-ilment ser jiġi rreferut lill-kennies tax-Xlendi.

**32.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv**

32.8.1 Il-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi Itaqa' fid-29 ta' Mejju 2017, fil-5.00 ta' filgħaxija. Preżenti kien hemm is-Sur Mark Anthony Busuttil – *Chairperson* u s-Sur Saviour Xiberras - Membru. Preżenti kien hemm ukoll is-Sinjura Carmen Said - Sindku u s-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Is-Sinjorina Charmaine Vella - Viċi *Chairperson* talbet li tkun skużata minħabba li kienet ma tiflaħx.
Is-Sinjura Joselle Camilleri - Membru talbet li tkun skużata minħabba li kellha *lecture* fl-Università.

Dawk preżenti stennew għal nofs siegħa mill-ħin stabbilit u fil-5.30 ta' filgħaxija ċ-*Chairperson* iddikkjara li ma kienx hemm *quorum* u li l-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 27 ta' Ġunju 2017 u fil-5.00 ta' filgħaxija.

**32.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

32.9.1 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 32/2017(30_05_17).

**32.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

32.10.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.00 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 28 ta' Ġunju 2017 u fil-5.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum 28 ta' Ġunju, 2017

**IFFIRMATA**

Carmen Said
Sindku

**IFFIRMATA**

Anthony Grech
Segretarju Eżekuttiv